**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Jannar 2021**

Kawza Numru: 38/2017 (MS)

Galea Curmi Engineering Consultants Limited

vs

Anthony Attard u b'digriet tal-1 ta' Ġunju 2018 gie kjamat fil-kawża Carmel Zammit.

It-Tribunal

Ra l-avviż tat-talba tas-soċjeta' attrici pprezentat fit-3 ta' Novembru 2017, fejn talbet is-somma ta' seba' mija u disgħin Euro u sittin ċenteżmu (€790.60) bilanċ dovut ghal servizzi ta' konsulenza reżi lill-konvenut u dan skond il-fattura tat-23 ta' Settembru 2016 allegata bħala Dok A. Bl-ispejjeż.

Ra r-risposta tal-konvenut Anthony Attard ippreżentat fit-23 ta' Novembru 2017 fejn ċahad it-talba attriċi peress illi huwa qatt ma inkariga lis-soċjeta attriċi jew taha ebda struzzjonijiet f'dan is-sens.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawża Carmel Zammit fejn eċċepixxa illi m'għandu assolutament ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi għall-ħlas li qiegħda titlob għal servizzi li ġew mitluba mill-konvenut u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; illi kien il-konvenut li talab is-servizzi tas-soċjeta' attriċi u l-kjamat in kawża u ma ta ebda kunsens lill-konvenut jagħmel

ebda spejjeż; illi l-kjamat in kawża ma kellu l-ebda ftehim mal-konvenut la ta' kera tal-ħanut wisq anqas dwar is-servizzi li l-istess talab lis-soċjeta' attriċi u jekk il-konvenut għamel l-ispejjeż għal konsulenzi dawn għamilhom a riskju tiegħu; jekk it-talba attriċi għandha tiġi milqugħa, din għandha tiġi milqugħa biss fil-konfront tal-konvenut. Bl-ispejjeż.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjeta attriċi qiegħda titlob il-pagament ta' €790.60 għal servizzi professjonali rezi lill-konvenut u dan skond il-fattura tat-23 ta' Settembru 2016 (Dok A) li baqgħet ma tħallsitx mill-konvenut. Min-naħa tiegħu il-konvenut ċaħad illi huwa qatt inkariga lis-soċjeta' attriċi jew taha struzzjonijiet f'dan is-sens. Il-kjamat in kawża eċċepixxa illi m'għandu assolutament ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi u li s-servizzi ġew mitluba mill-konvenut mingħajr il-kunsens tiegħu u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Ikkunsidra

Illi fl-isfond tar-riżultanzi proċesswali, it-Tribunal huwa sodisfatt:

Illi l-konvenut Anthony Attard kien tħajjar jikri ħanut u kien iltaqa' mas-sid tal-ħanut, ċertu Carmel Zammit u staqsieħ dwar x'permessi kellu dan il-ħanut għaliex xtaq li jkollu l-imwejjed fil-pjazza;

Illi kienet saret laqgħa bejn il-konvenut Attard, is-sid tal-propjeta' Carmel Zammit u l-perit tiegħu Edward Scerri fil-fażi inizjali.

Illi l-iskop tal-laqgħa kien sabiex Attard jara l-affarijiet u cjoe' jekk il-permess seta' joħrog, u l-perit qallu li kien hemm bzonn l-intervent ta' inġinier sabiex jitkompla l-proċess.

Illi kien il-perit Edward Scerri illi bagħat lil Attard għand l-inġinier Galea Curmi u kien il-perit illi rrakomandalu biex iġib dawn ir-rapporti.

Illi Attard mar l-uffiċju ta' Galea Curmi waħdu fit-13 ta' Mejju 2016. Iltaqa' ma' Renzo Curmi u mal-Inġinier Charlon Gouder. L-inġinier ċempel lill-perit Scerri u talbu jibgħatlu l-pjanta tal-fond tramite email. L-email intbagħat dak inhar stess

u l-inġinier rrispondiħ l-għada u qallu illi kien ser jieħu ħsieb ilestilu r-rapporti. (fol 16)

Ir-rapporti u l-pjanti tal-inġinier Galea Curmi tlestew f'isem Anthony Attard ta' Cherry Lake, 31st March Street, Victoria Gozo u jġibu d-data ta' 17 ta' Mejju 2016. (Dok MC4, MC5, MC7, MC8, MC9, MC10, MC11, MC12). Dok MC13, f'isem l-istess Anthony Attard, iġib id-data tal-5 ta' Settembru 2016. Dawn id-dokumenti kollha jirreferu għall-ħanut f'pjazza San Ġorġ, Rabat, Għawdex.

Meta r-rapporti tlestew, l-inġinier bagħtom lil perit Scerri fil-24 ta' Mejju 2016 u dawn ġew uploaded fis-sistema tal-Planning Authority.

L-applikazzjoni PA/03802/16 ġiet preżentata fl-17 ta' Mejju 2016 u magħha ġew sottomessi r-rapporti li kienu f'isem Anthony Attard. F'dak l-istadju l-applikant kien għadu Attard.

Fil-25 ta' Mejju 2016 ġiet sottomessa *change of applicant form* minn Anthony Attard għal Carmel Zammit (fol 155).

Illi f'Awwissu 2016 intalbu xi emendi fil-*ventilation report* mill-Awtorita' tal-Ippjanar u eventwalment mill-perit. L-emendi saru u l-permess inħareġ fit-3 ta' Novembru abbażi ta' dawn l-emendi.

Illi meta saru l-emendi u meta nħareġ il-permess fit-3 ta' Novembru 2016, l-applikant kien Carmel Zammit.

L-ammont ta' €790.60 jinkludu: €230 għal *ventilation report*, €185 għal *fire safety report,* €175 għal *sound report* (dawn kollha saru fl-17 ta' Mejju 2016) u €80 għal emendi li saru f'Settembru 2016, u l-VAT: €120.60.

Ikkunsidra

Illi m'hemmx dubju li Carmel Zammit kien juża s-servizzi professjonali tal-perit Edward Scerri. Fix-xhieda tiegħu huwa jgħid illi kien applika għal permess għal *snack bar* u kien ħalla f'idejn il-perit tiegħu Edward Scerri, li ħa ħsieb l-affarijiet hu u l-permess ingħata lilu. Spjega illi huwa ħabib ma' Anthony Attard li f'xi żmien kien wera x-xewqa li jikri l-ħanut tiegħu u ma kellu ebda oġġezzjoni għal dan. Igħid li Attard kien għamel riċerka u beda l-proċess biex japplika, pero' skond Zammit, ma kellux dritt jagħmel hekk għaliex il-kuntratt ma kienx għadu iffirmat. Għalhekk skond hu, dan għamlu mingħajr il-kunsens tiegħu u x'ħin biddel moħħu u rtira l-applikazzjoni Attard kellu jiffirma karta sabiex

eventwalment ikompli bil-proċess hu. Igħid ukoll li din kienet l-unika darba illi huwa kellem lil perit fil-presenza ta' Attard. (131-134)

Illi min-naha l-ohra, l-konvenut Attard igħid illi kien Carmel Zammit li ħadu fejn il-perit Scerri biex jaraw jistax joħrog dan it-tip ta' permess. Marru fuq il-post u l-perit ra fejn seta' jagħmel l-imwejjed, pero' ma tantx kien għal qalbu u iddeċieda illi jekk jieħu l-ħanut xtaq disinn differenti. Il-perit qallu illi kien hemm bżonn l-intervent ta' inġinier u ssuġġerilu li jmur għand Galea Curmi biex jara l-affarijiet. Pero' iddeċieda illi ma jkomplix bl-applikazzjoni għaliex ma għoġbitux l-idea ta' fejn ser ikunu l-imwejjed. (135-144)

Ikkunsidra

Meta t-Tribunal iqis iċ-ċirkostanzi u l-fattispecie, iħoss li l-versjoni ta' Attard, u cjoe' li kien Zammit li ħadu għand il-perit sabiex jaraw l-affarijiet, hija verosimili u għandha mis-sewwa.

Ġie stabbilit illi Zammit u l-perit Scerri kellhom relazzjoni professjonali u Zammit kien jafdaħ u jħalli f'idejh. Meta l-ħabib tiegħu wera l-interess li jikri l-ħanut u xtaq ikun jaf xi affarijiet dwar permessi, ħadu għand il-perit tiegħu. Dan huwa saħansitra korroborat mill-perit stess illi xehed illi kien hemm laqgħa bejniethom (it-tlieta li huma) fil-fażi inizjali. Kien hemmhekk, jew almenu fuq l-iskorta ta' din il-laqgħa, li Scerri qal lil Attard biex ifittex is-servizzi ta' inġinier u fil-fatt irrakomandalu li jmur għand Galea Curmi.

Scerri jammetti illi r-rapporti kienu l-ideja tiegħu u ma kienux meħtieġa jew rikjesti mill-PA. Meta Attard mar għand Galea Curmi, jidher illi l-inġinier ċempel lil perit u kien hemm anke korrispondenza bl-email, fejn il-perit bagħtlu xi pjanti u l-inġinier qallu li ser ilestilu r-rapporti. Dawn tlestew u intbagħtu għand il-perit li daħħalhom fis-sistema tal-planning u ġew sottomessi mal-applikazjoni. Għalkemm it-Tribunal jaqbel illi l-iskambi tal-emails kienu dejjem bejn il-perit u l-inġinier Galea Curmi, almenu sal-25 ta' Mejju 2016, Attard kien responsabbli għal dawn ir-rapporti. Ġara pero' illi fil-25 ta' Mejju 2016, kien hemm varjazzjoni fl-applikazzjoni. Attard irtira ismu u Zammit aċċetta illi jieħu l-applikazzjoni f'ismu. Ir-rapporti originali li fasslu minn Galea Curmi u li kienu rikjesti minn Scerri ma ġewx irtirati. Fil-fatt baqgħu mehmużin mal-applikazjoni li issa kienet f'isem Zammit. Fil-fatt, f'Settembru 2016 saret ukoll emenda f'rapport minnhom (li zgur ma jistax jingħad li huwa responsabbli għalih Attard) u l-permess eventwalment ġie approvat u nħareg abbażi ta' dawn ir-rapporti hemm emendati.

Illi l-argument ta’ Zammit, illi ma tax il-kunsens tiegħu għal dawn ir-rapporti, mhijiex legalment sostennibbli. Li kieku Zammit ma ħax l-applikazzjoni f’idejħ, kien ikollu raġun. Jekk Zammit xtaq jevita r-responsabbilta’ seta’ jitlob lil Attard jirtira dawn ir-rapporti mill-applikazzjoni u jgħarraf lill-istess Attard bl-intenzjoni tiegħu li ma jkollu xejn x’jaqsam xejn mal-applikazzjoni sabiex ma jinżammx responsabbli ghall-pagamenti relattivi. Imma fiċ-ċirkostanzi, u meta wieħed iqis li Zammit rikeb fuq l-applikazzjoni ta’ Attard fejn allura saret novazzjoni fl-obligazzjonijiet illi kellu Attard favur Zammit, u li saru wkoll emendi ulterjuri wara li Attard kien ħareġ mill-istorja, dan l-argument zgur ma jreġġix. Kif qal Zammit stess fix-xhieda tiegħu applika għal *snack bar* u ħalla kollox f’idejn il-perit Scerri. Għalhekk it-Tribunal jidhirlu illi mhux biss ta l-kunsens tiegħu (meta għażel illi jaċċetta l-applikazjoni f’ismu) iżda ibbenefika direttament mir-rapporti li kienu annessi mal-applikazzjoni.

Illi għalhekk it-Tribunal ma jistax jikkunsidra l-eċċezzjoni ta’ Zammit - li huwa ma kellux relazzjoni ġuridika diretta mal-kumpanija attriċi. Fl-aħħar mill-aħħar it-Tribunal isib illi la huwa bbenefika direttament minn din ir-relazzjoni u arrikkixxa ruħu bil-ħidma u l-ispiża li ġiet imwettqa 'għall-konvenut’ mill-perit ta’ Zammit, din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda.

Għal dawn il-motivi, filwaqt illi jillibera l-konvenut Attard mill-osservanza ta’ dan il-ġudizzju jilqa’ t-talba tas-soċjeta’ attriċi fil-konfront tal-kjamat fil-kawża Carmel Zammit u jikkundanna lill-istess Zammit li jħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma mitluba ta’ seba’ mija u disgħin Euro u sittin ċenteżmi, bilanċ dovut ghas-servizzi ta’ konsulenzi. Bl-ispejjes kontra l-istess kjamat fil-kawża Carmel Zammit.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*